MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 10(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, l-24 ta' Awwissu 2010, fl-4.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Mhux preżenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana (skużat) |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Ħruġ ta' Sejħa għal Offerti għall-Kuntratti tal-Ġbir ta' Skart Imħallat, taż-Żamma tal-Ġonna, tat-Tindif tax-Xatt wara s-Suq ta' nhar ta' Ħadd, tat-Tindif tat-Toroq u tal-Ġbir ta' Skart Goff
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Affarjiet Oħra

Peress li s-Sindku kien indispost, il-Viċi-Sindku mexxa l-laqgħa.

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 9(2010) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Dwar Para 9.3 (laqgħa ma' Green MT), il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkuntattja lis-Sinjura Marcella Zahra tal-Green MT sabiex tiġi organizzata laqgħa mas-sidien tar-ristoranti dwar separazzjoni tal-iskart.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar l-ilment tas-Sur Angelo Bugeja, resident ta' Triq is-Salvatur, rigward dħul tal-ilma tax-xita fil-proprjeta' tiegħu kull meta tagħmel ix-xita, il-Kunsill talab lis-

Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat kopja tar-rapporti tal-periti tas-Sur Bugeja lid-Direttur tad-Direttorat tar-Roads and Infrastructure flimkien ma talba tal-Kunsill sabiex tinfetaħ il-parti li jmiss ta' Triq il-Kunċizzjoni.

**4.3** Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-librara, is-Sinjura Carmen Scicluna, li jiżdied l-ispazju tal-librerija billi l-Kunsill jitlob lil-Kap tal-Iskola għall-permess għall-użu ta' kuritur li jġonġi l-librerija mal-*computer room.* Il-Kunsill approva wkoll li jisponsorja l-aħħar parti tal-kors li qed tieħu s-Sinjura Scicluna li jlaħħaq għal Diploma fil-Library and Information Studies u approva wkoll li s-Sinjura Scicluna tqabbad assistenta biex tlaħħaq mal-kompjuterizzar tas-sistema tat-tislif tal-kotba.

**5.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**5.1** Ma kien hemm ebda kommunikazzjoni peress li s-Sindku ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

**6.** **<u>Ħruġ ta' Sejħa għal Offerti għall-Kuntratti tal-Ġbir ta' Skart Imħallat, taż-Żamma tal-Ġonna, tat-Tindif tax-Xatt wara s-Suq ta' nhar ta' Ħadd, tat-Tindif tat-Toroq u tal-Ġbir ta' Skart Goff</u>**

**6.1** Il-Kunsill talab lis-Segretrarju Eżekuttiv sabiex jibda l-proċess għall-ħruġ ta' sejħa għal offerti għall-kuntratti hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt tat-tindif tat-toroq kellu jinkludi l-bankini kif ukoll il-knis tax-Xatt man-naħa tal-baħar u li l-kuntratt tal-ġbir ta' skart imħallat isir biss nhar ta' Tnejn, ta' Erbgħa, tal-Ħamis u tas-Sibt; il-boroż griżi tal-iskart separat jinġabru nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa u l-Green MT tkun responsabbli għal dan il-ġbir.

**7.** **<u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**7.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Adeodato Schembri | Tħaffir ta' 20 toqba fil-Magħluq | 424.80 |
| Allied Newspapers | Avviż Bejjiegħa tas-Suq | 60.30 |
| Allied Newspapers | Kotba għall-Librerija | 208.08 |
| Anġlu Cutajar | Tindif Triq il-Wilġa, tax-Xatt u 10 skips f'San Girgor | 69.88 |
| Anġlu Cutajar | Tindif Triq il-Port Ruman u ħdejn il-*Waterpolo Pitch* | 69.88 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Magħluq u tindif tal-*litter bins* ħdejn Binja Ħal Ġinwi, 12.04.10 - 07.06.10 (X9) | 157.23 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġużè Cassar, Ġnien il-Familja u tindif tax-Xatt, 13.04.10 - 08.06.10 (X25) | 640.50 |
| Anġlu Fenech (Fenech Store) | Boroż tal-plastik għall-kenniesa u *litter bins* | 266.34 |
| Anġlu Grech | Konkos Triq it-Trunċiera 28.07.10 | 144.55 |
| Busy Bee | Gateaux | 140.50 |
| Carmel Mifsud | Tindif wara s-suq tal-Ħadd, Mejju u Ġunju 10 | 2647.45 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 21.07.10 (No 77) | 43.44 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-moħriet 28.07.10 (No 86) | 6.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol u diesel għall-pompa tal-ilma 29.07.10 (No 88) | 20.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 30.07.10 (No 89) | 30.28 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 09.08.10 (No 96) | 41.30 |

| | | |
|---|---|---|
| Caruana Bros Diesel Station | Żejt għall-pompa tal-ilma 17.08.10 (No 100) | 10.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol u diesel għall-pompa tal-ilma 23.08.10 (No 108) | 53.00 |
| Clean Away Service | *Open skip* 14.06.10 | 84.65 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Ġunju 10 | 1206.97 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Ġunju 10 | 269.82 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Ġunju 10 | 606.18 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Lulju 10 | 1320.13 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Lulju 10 | 404.45 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Lulju 10 | 626.39 |
| Cleansing Services Dept | Ftuħ tal-latrini għall-Festa | 318.60 |
| Cleansing Services Dept | Ġbir ta' annimal mejjet Torri San Luċjan | 60.00 |
| Cleansing Services Dept | Ftuħ tal-latrina 11.06.10 | 47.20 |
| Commissioner of Police | *Extra Duty* Banda Belġjana 08.08.10 | 19.13 |
| Comtec | Bexx kontra l-wirdien f'Ġnien il-Familja | 101.48 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Lulju 10 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Lulju 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Lulju 10 | 58.23 |
| GO | 21659555, Ġunju 10 | 20.32 |
| GO | 21652525, Ġunju 10 | 292.43 |
| GO | 21650937, Ġunju 10 | 81.11 |
| GO | 21652392, Kera Lulju 10 | 15.58 |
| GO | 21652392, Kera Awwissu 10 | 15.11 |
| GO | 21650937, Lulju 10 | 91.13 |
| GO | 21659555, Lulju 10 | 22.87 |
| GO | 21652218, Kera Awwissu u Sett 10 | 11.95 |
| GO | 21652525, Lulju 10 | 289.78 |
| G4S | *Cash-in-transit* Ġunju 10 | 15.22 |
| G4S | *Cash-in-transit* Lulju10 | 30.44 |
| Gemma Cuschieri | Tindif tal-uffiċċju 1 Apr - 12 Aww 10 (20X€21) | 420.00 |
| Għaqda Kooperattiva tas-Sajd | Ktajjen għall-*Bins-on-wheels* għall-Festa | 34.20 |
| Gold Lady Jewellery | Tazzi għat-tournament tal-*waterpolo* | 80.00 |
| I.V. Portelli & Sons | Tiswijiet taċ-*chainsaw* | 37.88 |
| Image Systems | *Toner* | 45.41 |
| InServ | Boroż tal-plastik għall-kenniesa | 71.20 |
| J & A General Operations | Trasport - M'xlokk/Ċirkewwa/M'xlokk 14.07.10 | 141.60 |
| Jason Gauci | Gazzetti Lulju 10 | 82.02 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | 3 mirja | 327.75 |
| Marsaxlokk A.S.C. | Reklam fil-*Marsaxlokk A.S.C. Waterpolo Annual 2010* | 164.00 |
| Mary Cachia | Kera 14 Lulju - 13 Ott 10 | 1300.00 |
| Media.Link Communications | Avviż Bejjiegħa tas-Suq | 54.75 |
| Mifsud Garage | *Delivery* ta' *Drum Kit* mill-Birgu sa M'xlokk 08.08.10 | 23.60 |
| Miller Distributors | Kotba għall-Librerija | 26.25 |
| mita | *Support services*15.06.10 | 75.05 |
| mita | *e-mail accounts* Apr - Ġunju 10 | 9.96 |
| mita | *Wide Area Connectivity*Lulju - Sett 10 | 416.85 |
| Nexos | Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq Mejju, Ġunju Lulju u Awwissu 10 | 1156.31 |
| Ramon Stafrace | Pompa tal-bexx għall-ħaxix ħażin u bexx | 59.50 |

| | | |
|---|---|---|
| Roc-a-go | 2 Skips għall-palm 06.08.10 | 118.00 |
| Roc-a-go | 2 Skips għall-palm 07.08.10 | 118.00 |
| Roc-a-go | 3 Skips għall-palm 09.08.10 | 177.00 |
| Roc-a-go | 3 Skips għall-palm 10.08.10 | 177.00 |
| Sigma Coatings | Żebgħa bajda u safra tal-markeġġl tat-toroq | 248.13 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 151.34 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 60.61 |
| Smart Office Supplies | *Toner* | 115.28 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani Triq tal-Power Station 30.07.10 | 71.28 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani Triq tal-Power Station 31.07.10 | 47.52 |
| Union Print | Avviż Bejjiegħa tas-Suq | 41.35 |
| Valley Pet Shop | Bexx | 21.76 |
| Valley Pet Shop | Qsari għat-tabelli tan-*No Parking* | 34.80 |
| Water Services Corporation | Konsum stmat ta' dawl u ilma Uffiċċju Amministrattiv, 28 Jan - 28 Apr 10 | 384.84 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl u ilma Winch Room 2, 25 Nov 09 - 17 Mejju 10 | 259.11 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl Winch Room 1, 25 Nov 09 - 17 Mejju 10 | 189.95 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl u ilma Winch Room 1, 25 Nov 09 - 17 Mejju 10 | 315.39 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' ilma Winchroom, 25 Nov 09 - 17 Mejju 10 | 94.38 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl Ġnien il-Familja, 25 Nov 09 - 17 Mejju 10 | 639.86 |
| Zahra Enterprises | Tiswijiet tal-ġeneratur | 63.70 |
| | **Total** | **€23908.42** |

**7.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**8.** <u>**Affarjiet Oħra**</u>

**8.1** Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu avviżi fuq karrijiet u opri oħrajn mitluqin mar-raħal. Din id-darba il-Kunsill għandu jqabbad kuntrattur sabiex ineħħi l-ingombru wara li jagħlaq iż-żmien tal-avviż.

**8.2** Qabel il-laqgħa, il-Kunsill kellu laqgħa mas-Sur Orland Bonavia tan-Nature Trust. In-Nature Trust ser toħroġ fuljetti informattivi dwar il-Park Nazzjonali ta' Delimara u l-Kunsill talab lis-Sur Bonavia sabiex jinforma 'l Kunsill bil-prezz ta' dawn il-fuljetti bl-iskop li dawn jitqassmu lir-residenti ta' Marsaxlokk u lil min jiġi għand il-Kunsill jitlob informazzjoni dwar il-lokalita'.

**9.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, it-30 ta' Settembru 2010.

**Edric Micallef**
**Viċi-Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**